MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 28/2001/1

**Jesmar u Rita konjuġi VALLETTA**

**vs**

**Patrick u Helen GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta’ Jannar, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi l-atturi inkarigaw lill-konvenut, permezz ta’ kuntratt ta’ appalt, sabiex jibni u jpoggi numru ta’ bibien u twieqi fil-fond numru 23, Triq il-Madonna, Zebbug;

Illi x-xogħol konsenjat mill-konvenut fih diversi difetti u mhuwiex skond l-arti, s-sengħa u l-professjoni rikjesta;

Illi inoltre, it-twieqi u l-bibien imqegħdin mhumiex tal-kwalita' pattwita;

Illi b'konsegwenza ta' dan, qiegħed jiskula kwantita' ta' ilma u riħ konsiderevoli min dawn it-twieqi u l-bibien kull darba li tagħmel ix-xita u r-riħ jidħol dejjem;

Illi b'dan, l-atturi soffrew u għadhom isoffru danni konsiderevoli fil-proprjeta' tagħhom;

Illi l-konvenut ġie diversi drabi msejjaħ mill-atturi sabiex jagħmel ir-reparazzjonijiet meħtiega, wara l-inkontru fuq il-post fejn ġew lilu murija d-difetti huwa stess r-rikonoxxa l-bzonn li jibda x-xogħlijiet rimedjali minnufih, sew biex jispiċċa l- inkarigu tiegħu kif miftehem, kif ukoll sabiex jiġu għal kollox eleminati d-danni sofferti mill-atturi ukull dannu futur;

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara li x-xogħol ma sarx skond l-arti, s-sengħa u l-professjoni rikjesta;

2. Tiddikjara li t-twieqi u l-bibien li tqiegħdu mill-konvenut ġewwa d-dar tal-atturi mhumiex tal-kwalita' pattwita;

3. Tiddikjara għalhekk li l-konvenut huwa unikament responsabbli għal dawn in-nuqqasijiet;

4. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti kagun tan-nuqqasijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

5. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bħala konsegwenza tan-nuqqasijiet tal-konvenut, okkorrendo l-ħatra ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat illi l-imħarrkin, notifikati kif imiss fit-28 ta' Marzu, 2001[1], baqgħu ma ressqux Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, u lanqas qatt dehru jew kienu rappreżentati kull meta ssejħet il-kawża, u għalhekk baqgħu kontumaċi;

Rat id-Degriet tagħha tat-13 ta' Ġunju, 2001, li bih ħatret bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha lill-Avukat Dottor Vincent Galea biex jisma' x-xhieda tal-atturi;

Rat id-Degriet tagħha tas-16 ta' Lulju, 2001, fuq talba magħmula mill-atturi b'rikors tal-20 ta' Ġunju, 2001, li bih ħassret *contrario imperio* l-ħatra tal-Assistent Ġudizzjarju, u ħatret minfloku bħala Perit Tekniku lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Michael Angelo Refalo biex ifittex u jirrelata dwar l-ilmenti u t-talbiet tal-atturi;

Rat ir-Rapport imressaq mill-Perit Tekniku fis-16 t'April, 2002[2], u maħluf minnu fit-8 ta' Mejju, 2002;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 ta' Ġunju, 2002, li fih l-atturi iddikjaraw li joqogħdu għall-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku;

Semgħet lill-avukat tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2002, tas-17 t'Ottubru, 2002, tal-20 ta' Frar, 2003, u tas-6 ta' Marzu, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 15 *tergo* u 17 tal-proċess
[2] Paġġ. 32 sa 54 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni għal xogħol ħażin imwettaq f'appalt mogħti lill-imħarrek. L-atturi kienu ħatru lill-imħarrek bi ftehim biex jagħmel għadd ta' aperturi fuq barra u fuq ġewwa fid-dar tagħhom. Għalkemm tħallas tax-xogħol, ħarġu għadd ta' difetti fix-xogħol imqiegħed, u x-xogħol mogħti mhux kif titlob is-sengħa, b'mod li minn xi aperturi jidħol ir-riħ u l-ilma tax-xita. L-atturi qegħdin jitolbu li l-imħarrek jitqies li ma wettaqx il-ħatra mogħtija lilu minnhom u li jieħu lura x-xogħol konsenjat, minbarra li jitqies responsabbli għall-ħsara li ġarrbu minħabba n-nuqqas tal-imħarrek, u li dan jiġi kundannat iħallashom id-danni li l-Qorti tillikwida;

Illi, kif ingħad, l-imħarrkin baqgħu ma ressqu l-ebda kontestazzjoni biex tilqa' għax-xiljiet u t-talbiet tal-atturi;

Illi, mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżultaw biss ftit mill-ġrajjiet li seħħew sa ma x-xogħol beda jitqiegħed fil-post. Jirriżulta li l-atturi ħatru bil-fomm lill-imħarrek u sar arranġament miegħu biex l-aperturi tal-post tagħhom isiru ġodda minnu. Kienu ordnaw sebgħa u tletin (37) apertura ta' daqsijiet differenti. Ma kienx hemm ftehim dwar id-data tal-konsenja jew f'kemm żmien kellu jkun lest ix-xogħol. Jidher li x-xogħol tqiegħed sa Marzu tal-2000. Ix-xogħol ma tqegħidx f'daqqa. L-atturi diġa' kellhom xi problemi fix-xogħol li tqiegħed l-ewwel, u sa ma kien għadu għaddej ix-xogħol li fadal, lill-imħarrek kienu semmewlu l-ilmenti tagħhom. L-imħarrek kien ġie ra dwar xiex kienu qegħdin jilmentaw l-atturi, u kien qabel li jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Saħansitra kien ħa lura għandu xi wħud mill-aperturi biex jirranġahom, u ntrabat li jlestihom u jroddhom lura sa l-aħħar ta' Novembru tal-2000. Xorta baqa' m'għamel xejn u l-attur spiċċa reġa' ħadhom lura kif kienu. Il-kawża nbdiet fl-10 ta' Jannar, 2001;

Illi mill-aċċess miżmum mill-Perit Tekniku fil-post fejn tqegħdu l-aperturi, u wkoll mix-xhieda mismugħa minnu, joħroġ li l-prezz sħiħ miftiehem għall-aperturi kollha kien ta' ħamest elef u tlitt mitt lira Maltija (Lm 5,300). Il-prezz

kien wieħed għall-biċċiet kollha u tħallas kollu, bejn depożitu, ħlasijiet akkont hu u għaddej ix-xogħol u ħlas mal-aħħar konsenja. Joħroġ ukoll li x-xogħol mogħti lill-atturi huwa miżgħud bin-nuqqasijiet li "huma evidenti anke lil min ma hux tas-sengħa"[3]. Dawn in-nuqqasijiet huma mfissrin b'reqqa mill-istess Perit Tekniku[4]. Hija l-fehma tal-istess Perit li l-fatt li s-sura qadima tal-bini għamlitha ħaġa iebsa lill-imħarrek biex iwettaq l-appalt b'perfezzjoni, ma jxejjinx il-fatt li n-nuqqasijiet li ltaqa' magħhom kienu kbar u wrew li l-imħarrek ma kienx kapaċi jwettaq dak li ntalab jagħmel. Minbarra dan, kull biċċa xogħol konsenjata mill-imħarrek hija, fi grad jew ieħor, milquta b'nuqqasijiet;

Illi l-Perit Tekniku sab ukoll li x-xogħol tant fih nuqqasijiet li ma huwiex għaqli li wieħed jittanta jirranġah. Fi kliem ieħor, ix-xogħol konsenjat mill-imħarrek daqslikieku ma sar xejn;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti legali marbuta mal-każ</u>, skond l-oqsma identifikati aktar qabel bħala dawk li jsawru t-talbiet attriċi;

Illi, għal dak li għandu x'jaqsam mal-appalt, il-liġi tippreskrivi li, min jagħti appalt lil ħaddieħor, jista' jħoll il--ftehim ukoll jekk ix-xogħol ikun inbeda[5]. Minbarra dan, jekk il-kuntratt jinħall għal raġuni tajba, min jagħti x-xogħol huwa obbligat iħallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuża fix-xogħol li jkun laħaq ġie konsenjat lil, u miżmum minn, min jagħti x-xogħol[6], liema prezz jitħallas minn xi ħlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil quddiem lill-appaltatur. Dan għandu, min-naħa tiegħu, irodd lura lil min qabbdu jagħmel ix-xogħol dik il-parti mis-somma mħallsa lilu bil quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xogħol li laħaq sar u l-materjal użat u mogħti lill-appaltant[7];

Illi fil-każ fejn ikun hemm raġuni tajba biex l-appalt jinħall, kull ħlas li jista' jippretendi l-appaltatur għandu jitkejjel

[3] Par. 15 tar-Rapport tal-Perit Tekniku, f'paġ. 38 tal-proċess
[4] Par. 20 u 21 tar-Rapport, f'paġġ. 39 sa 42 tal-proċess
[5] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[6] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[7] Art. 1640(4) tal-Kap 16

mal-utilita' li l-appaltant ikun ħa tax-xogħol li laħaq sar u kif ukoll mal-ħsara li l-appaltant ikun ġarrab minħabba li kien imġiegħel itemm l-appalt. Huwa wkoll stabilit li hija raġuni tajba biex appalt jitqies maħlul fejn ix-xogħol konsenjat tant kien mill-agħar li wieħed ma jistenniex li jista' jsir xi xogħol rimedjali fuqu biex iġibu tajjeb;

Il-liġi tgħid ukoll li hekk kif, min jagħti x-xogħol, jgħarraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim, dak l-avviż iservi biex iħoll minnufih il-kuntratt, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda konferma jew awtorizzazzjoni minn xi qorti[8];

Illi l-liġi trid ukoll li kull min jonqos li jwettaq xi obbligazzjoni li jkun intrabat li jagħmel, għandu jagħmel tajjeb lill-parti l-oħra billi jħallasha d-danni li din setgħet ġarrbet minħabba dak in-nuqqas[9]. Dan iseħħ minbarra li l-parti l-oħra tista' tingħata s-setgħa wkoll li tagħmel hi dak li naqset li tagħmel il-parti l-oħra, u bi spejjeż ta' din[10]. Fejn jiġri li min kellu jwettaq obbligazzjoni jonqos li jwettaqha jew ma jagħmilhiex fil-ħin miftiehem, dan jista' jiġi wkoll ikkundannat jagħmel tajjeb għad-danni li jikkawża lill-kreditur tiegħu, ukoll jekk dan in-nuqqas iseħħ mingħajr mala fidi, sakemm id-debitur ma jseħħlux juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien biex iwettaqha ġraw minħabba xi ħaġa barranija li huwa ma kellux setgħa fuqha[11], bħal fil-każ ta' forza maġġuri jew aċċident[12]. Huwa mogħti wkoll lill-persuna kreditriċi tal-obbligazzjoni li titlob it-tneħħija tal-ħaġa li saret bi ksur tal-obbligazzjoni u dan ukoll bi spejjeż ta' min suppost wettaqha[13];

Illi meta l-liġi titkellem dwar id-danni li għandhom jitqiesu f'każ ta' nuqqas ta' twettiq, hija tgħid li d-debitur irid jagħmel tajjeb kemm għat-telf, mibsur jew li sata' jinbasar fiż-żmien tal-obbligazzjoni[14], li jkun bata l-kreditur u kif ukoll għat-telf ta' qligħ li dan ikun ġarrab[15]. Imma, fil-każ

[8] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[9] Art. 1125 tal-Kap 16
[10] Art. 1127 tal-Kap 16
[11] Art. 1133 tal-Kap 16
[12] Art. 1134 tal-Kap 16
[13] Art. 1129 tal-Kap 16
[14] Art. 1136 tal-Kap 16
[15] Art. 1135 tal-Kap 16

ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, irid jintwera mill-kreditur li d-danni li jkun ġarrab kienu l-effett dirett u immedjat tan-nuqqas tal-obbligazzjoni[16]. Id-danni huma dovuti meta l-obbligazzjoni ma tistax titwettaq aktar f'għamla speċifika, u mhux ukoll meta x-xogħol ħażin jista' jissewwa jew jitranġa[17];

Illi kemm hu hekk, huwa stabilit illi huwa biss meta n-nuqqasijiet fix-xogħol konsenjat huma "essenzjali" jew radikali li l-appaltant jista' jitlob li jiġi dikjarat li l-kuntratt jinħall minħabba nuqqas ta' twettiq, għaliex jekk in-nuqqasijiet ma jkunux ta' din l-għamla, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' bl-obbligu li jew isewwi x-xogħol ħażin jew jaċċetta ħlas imnaqqas[18];

Illi fejn ma jkunx ingħata żmien lid-debitur għat-twettiq tal-appalt, u l-appaltant ikun irid li dan jiġi eżegwit, huwa meħtieġ l-appaltatur jingħata żmien speċifiku b'att ġudizzjarju qabel jista' jitqies ħati ta' dewmien[19]. Ma tiswa l-ebda għamla oħra ta' talba mill-appaltant lill-appaltatur biex iseħħ dan[20];

Illi, fost il-prinċipji stabiliti l-oħrajn fil-qasam tal-kuntratt tal-appalt, wieħed isib dak li jgħid li appaltatur m'huwiex meħlus mir-responsabbilta' tar-rabta tiegħu biex iwettaq l-obbligazzjoni li ntrabat li jagħmel, ukoll jekk ikun hemm approvazzjoni tax-xogħol, l-iżjed fejn in-nuqqasijiet li joħorġu ma jkunux jidhru mill-ewwel jew ma jistax jintebah bihom wieħed li ma jkunx midħla tal-qasam. Minbarra dan, l-appaltatur għandu jwettaq ix-xogħol li tqabbad jagħmel b'mod li jrid jiżgura li dan isir sewwa u jkun tajjeb għall-għan li għalih intalab. Jekk appaltatur ma jkunx ċert li x-xogħol li sejjer jagħmel se jkun tajjeb għar-raġuni li għaliha ntalab, imissu ma jaċċettax li jagħmlu: fin-nuqqas, irid iwieġeb għal kull nuqqas li joħroġ 'il quddiem mhux għal raġunijiet attribwibbli lill-appaltant;

[16] Art. 1137 tal-Kap 16
[17] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[18] Ara, per eżempju, P.A. CC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Piju Fedele et*** (Mhix pubblikata) u App. Kumm. **22.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonniċi noe vs Sammut*** (Mhix pubblikata)
[19] Ara art. 1077 u 1130(2) tal-Kap 16
[20] Ara Kumm. **20.1.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli et vs Darmanin et pro et noe*** (Kollez. Vol: **XLIII.iii.846**) u Kumm. **30.5.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Grech*** (Kollez. Vol: **XLV.iii.820**)

Illi jekk appaltatur jaf li m'huwiex tas-sengħa fix-xogħol minnu mitlub jew m'għandux esperjenza biżżejjed, imissu mill-ewwel jirrifjuta li jidħol għal dik il-biċċa xogħol[21], u jibqa' responsabbli għal kull nuqqas ukoll jekk daħal għax-xogħol fuq insistenza tal-appaltant, jew bil-mod dettat minn dan[22];

Illi jekk wieħed issa japplika dawn il-prinċipji għall-fatti li joħorġu mill-każ tallum, wieħed isib li l-imħarrek naqas b'mod sinjifikanti milli jwettaq l-appalt mogħti lilu. Il-fehma sħiħa tal-Perit Tekniku maħtur minn din il-Qorti ma tħalli l-ebda dubju li l-ilmenti tal-atturi huma mistħoqqa[23] u jolqtu kull biċċa xogħol konsenjata mill-imħarrek. Iqis li m'hijiex ħaġa għaqlija li jistma kemm jiswa biex kull biċċa tiġi msewwija, għaliex tant hemm nuqqasijiet li jista' jitqies li mill-appalt ma twettaq xejn ta' siwi għall-atturi. Dan iwassal biex l-imħarrek jitgħabba bir-responsabbilta' li jieħu lura x-xogħol li ikkonsenja u li jrodd lura l-flus li tħallas mingħand l-atturi;

Illi dwar l-ammont ta' flus li tħallas l-imħarrek, kif sewwa semma l-Perit Tekniku, hemm xi ftit ta' nuqqas ta' qbil mill-provi nfushom li ressqu l-atturi. Dan jingħad għaliex, filwaqt li fid-Dikjarazzjoni maħlufa hua jsemmu li l-appalt kien jiswa madwar erbat elef u ħames mitt lira, iżjed 'il quddiem l-attur isemmi s-somma ta' ħamest elef u tlitt mitt lira[24] bħala l-prezz maqbul tal-appalt, u mbagħad tressaq dokument[25] (li l-kontenut tiegħu nħalef) li juri li l-ħlasijiet diretti lill-imħarrek telgħu għal erbat elef seba'mija u ħamsa u sittin lira Maltija (Lm 4765). Il-Qorti, ukoll minħabba li hemm tifsira raġonevoli fid-dokumenti innifsu u mix-xhieda li ngħatat, sejra toqgħod fuq l-ammont l-aħħar imsemmi;

Illi l-Perit Tekniku irrileva li, għal xi żmien, l-atturi kienu jidhru kuntenti li l-imħarrek jagħmel xogħol ta' tiswija biss fuq uħud mill-aperturi li ikkonsenja, u dan limitatament

---

[21] App. Kumm. **27.3.1972** fil-kawża fl-ismijiet ***Blackman vs Farruġia et noe*** (Mhix pubblikata)
[22] P.A. **8.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Pisani vs Debattista*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.1003**)
[23] Par. 24 tar-Rapport, f'paġ. 43 tal-proċess
[24] Ara verbal tas-seduta peritali tal-5.10.2001, f'paġ. 51 tal-proċess
[25] Dok "PT1", f'paġ. 49 u verbal tas-seduta peritali 13.3.2002, f'paġ. 54 tal-proċess

għal dawk fejn in-nuqqasijiet kienu tassew kbar[26]. Minn dan, il-Perit qanqal id-dubju jekk l-atturi għandhomx issa l-jedd jippretendu rimedju minn din il-Qorti dwar l-biċċiet kollha li jagħmlu parti mill-appalt[27]. Dan għamlu b'żieda mal-fatt li l-atturi aċċettaw li jħallsu lill-imħarrek minkejja li diġa' kienu ntebhu li x-xogħol kien fih nuqqasijiet u wara li kienu lmentaw minn dan mal-istess imħarrek. F'każ ta' tweġiba negattiva għall-kweżit tiegħu, il-Perit qal li huwa jqis li għandu jagħmel aċċertamenti differenti minn dawk li wasal għalihom fir-Relazzjoni mressqa minnu;

Illi wara li fliet sewwa din il-mistoqsija, qisitha fid-dawl tal-prinċipji legali msemmija aktar qabel u rat il-fatti, din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li tasal għall-fehma li l-atturi għandhom jedd iressqu lment dwar kull waħda mill-biċċiet li tagħmel parti mill-appalt kollu. Dan joħroġ fl-ewwel lok mill-parametri tal-azzjoni attriċi nnifisha, billi din hija s-sies li fuqu din il-Qorti għandha tqis it-talbiet attriċi. Huwa evidenti li l-azzjoni attriċi tirreferi għall-appalt kollu. Fit-tieni lok, jidher ċar li l-ittra tal-avukat tal-atturi tat-23 t'Ottubru, 2000, m'hija bl-ebda mod teskludi t-totalita' tal-ilmenti mressqin mill-atturi dwar l-appalt. Il-ftehim li sar bejn il-partijiet biex isiru tiswijiet fuq l-aperturi l-aktar milquta b'nuqqasijiet ma jistax, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, jitqies bħala rinunzja taċita tal-ilmenti dwar in-nuqqasijiet fl-aperturi l-oħrajn li l-imħarrek ma ntalabx li jerġa' jmiss. Fit-tielet lok, jirriżulta mill-aspett tekniku li kull waħda mill-aperturi konsenjati kienet milquta b'difetti u dan il-fatt, miżjud mal-mod kif l-azzjoni attriċi hija mfassla, ma jidhirx li jagħmilha ħaġa xierqa li wieħed jifred parti mill-appalt mill-parti l-oħra. Fir-raba' lok, jidher li għalkemm l-appalt kien jikkonsisti f'għadd ta' ħwejjeġ (imma kollha tal-istess kategorija), kellu jitqies bħala appalt wieħed, u l-ħlasijiet li saru kienu akkont tal-appalt kollu u mhux ta' kull biċċa konsenjata malli tqegħdet fil-post[28];

[26] Ara "Dok 2", f'paġġ. 8-9 tal-proċess
[27] Par 29 tar-Rapport f'paġ. 45 tal-proċess
[28] Ara art. 1637 tal-Kap 16

Illi għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li l-imħarrek naqas milli jwettaq l-appalt mogħti lilu, u minbarra f'hekk, irid iwieġeb lill-atturi għall-ħsara li ġarrbu minħabba n-nuqqas tiegħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, wieħed irid iqis x'inhu t-telf li l-atturi ġarrbu minħabba n-nuqqasijiet tal-appaltatur. Mill-fehmiet milħuqa mill-Perit Tekniku, joħroġ li n-nuqqasijiet li jirriżultaw fix-xogħol ikkonsenjat huma ta' natura radikali. Il-Perit Tekniku wasal għall-fehma li x-xogħol mogħti mhux tajjeb għall-għan li għalih ġie ordnat. Fid-dawl tal-prinċipji msemmija aktar qabel, dawn id-danni għandhom jikkonsistu fl-ispejjeż minfuqin mill-atturi biex ħallsu lill-imħarrek ta' xogħol li ma swihom xejn, u tal-ispejjeż li jkollhom jidħlu għalihom meta jerġgħu jqabbdu lil ħaddieħor biex jagħmel dak li kien tqabbad jagħmel l-imħarrek;

Illi f'dan il-każ, il-fatt li l-atturi ħallsu lill-imħarrek minkejja li kienu raw nuqqasijiet u ressqu lmenti, jieħu xejra differenti u rilevanti. Għaliex huwa prinċipju ewlieni fil-qasam tad-danni li l-persuna mġarrba għandha tagħmel l-almu tagħha li tnaqqas il-ħsara li tkun ġarrbet. F'dan il-każ, kellu raġun il-Perit Tekniku jħoss xi ftit tal-istagħġib fl-imġiba tal-atturi, għalkemm il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li dan sar għaliex l-atturi kienu fdaw lill-imħarrek fil-kelma li tahom (u li wara ma żammhiex) li kien ser jirranġa kollox. Dan l-animu, magħdud ma' dak li jevitaw kwestjonijiet u ġlied, jidher ċar mill-ittra tat-23 t'Ottubru, 2000, fuq imsemmija;

Illi għal dak li jirrigwarda d-*damnum emergens*, l-atturi seħħilhom juru li nefqu b'kollox ħamest elef ħames mija u għoxrin lira Maltija (Lm 5520), li jinkludi x-xiri ta' ħġieġ u serraturi. Biex jitneħħa x-xogħol imqiegħed u jsir it-tikħil taċ-ċaċċiż, il-Perit jistma li jridu jintefqu mal-mitejn lira (Lm 200) oħra. Jekk, imbagħad, wieħed jitkellem dwar il-ġarr u t-teħid mill-post tal-aperturi għal għand l-imħarrek, il-Perit tella' stima ta' mitejn u erbgħin lira (Lm 240). L-ispejjeż tal-ġarr jitnaqqsu jekk kemm-il darba l-imħarrek jagħmel ix-xogħol ta' tneħħija hu;

Illi l-atturi ma ressqu l-ebda prova dwar l-ispejjeż li sejrin jonfqu biex iqabbdu lil ħaddieħor biex jagħmel mill-ġdid ix-xogħol li kien tqabbad jagħmel l-imħarrek. Il-Perit Tekniku lanqas ta ħjiel ta' x'tista' tkun l-ispiża li tista' titla'. Fin-nuqqas ta' kull prova f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax tasal għal likwidazzjoni, u jkollha tħalli impreġudikata din il-kwestjoni għal azzjoni eventwali li l-atturi jidhrilhom xieraq li jieħdu;

Illi, fl-aħħarnett, jidher li l-preżenza ta' mart l-imħarrek f'din il-kawża kienet biss maħsuba għall-finijiet ta' integrita' ta' ġudizzju, għaliex ma ntwera mkien li hija kienet wettqet xi parti mix-xogħol kommissjonat mill-atturi u lanqas kienet intrabtet personalment b'xi wegħda fil-konfront tagħhom. Lanqas ma ntwera li hija taħti direttament għal dak li ġralhom l-atturi. Wieħed jifhem li l-addebiti magħmulin mill-atturi fil-konfront tagħha jintrabtu mas-sehem tagħha fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u żewġha l-imħarrek;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek naqas li jwettaq l-inkariku lilu mogħti mill-atturi, u li x-xogħol li tahom ma kienx kif iridu s-sengħa u l-arti, u dan bi ħtija waħdanija tal-imħarrek;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tqis li l-imħarrek jaħti għad-danni kollha mġarrba mill-atturi minħabba n-nuqqas tiegħu li jwettaq l-obbligazzjoni li ntrabat li jwettaq;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi fis-somma ta' ħamest elef disa' mija u sittin lira Maltija (Lm 5960), b'dan li jekk l-imħarrek ineħħi u jġorr hu stess minn fuq il-post u bi ftehim mal-atturi meta dan għandu jsir l-aperturi li jinsabu fil-post, għandha titnaqqas mill-imsemmija somma likwidata s-somma ta' mitejn u erbgħin lira Maltija (Lm 240);

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu s-somma ta' ħamest elef disa' mija u sittin lira Maltija (Lm 5960), jew skond il-każ dak l-ammont imnaqqas kif imfisser hawn fuq jekk kemm-il darba l-imħarrek ineħħi huwa stess minn fuq il-post l-aperturi mertu ta' din l-azzjoni; u

**Tikkundanna lill-imħarrkin** iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-ogħla somma likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

--------------------------------TMIEM--------------------------------